31994D0621

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-20 ta' Settembru 1994
li tirrigwarda ċerti mizuri rigward il-prodotti mis-sajd u l-molluski bivalvi li joriġinaw u li jiġu mill-Albanija

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(94/621/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], kif l-aħħar emendati bid-Deċiżjoni 92/438/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 18(1) tagħha,

Wara li kunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1990 li tistabilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodooti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE [4], u partikolarment l-Artikolu 19(1) tagħha,

Billi instabu każi ta' kolera fl-Albanija;

Billi l-preżenza tal-kolera fl-Albanija x'aktarx tikkostitwixxi periklu serju għas-saħħa pubblika; dan jeħtieġ l-adozzjoni mħaffa fuq livell tal-Komunità tal-miżuri prottetivi meħtieġa li jirrigwardaw il-prodotti mis-sajd u l-molluski bivalvi;

Billi, fin-nuqqas ta' garanziji tas-saħħa mill-awtoritajiet Albaniżi, huwa meħtieġ li tkun ipprojbita l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-molluski bivalvi li joriġinaw minn jew ġejjin mill-Albanija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni tal-prodotti mis-sajd u tal-molluski bivalvi li joriġinaw minn jew ġejjin mill-Albanija.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom ibidlu l-miżuri li japplikaw għall-importazzjoni sabiex iġibuhom fl-istess linja ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom minnufih jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibqa' tapplika sal-31 ta' Ottubru 1994.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Settembru 1985.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 268, ta'-l.24.9.1991, p. 56.
(2) ĠU L 243, tal-25.8.1992, p. 27.
(3) ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.
(4) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.